TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 408/11/GZ

**Bernardette Galea u Maria Galea**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 21 ta' Marzu 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-13 ta' Settembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' elf tlieta u tmenin Ewro u sittax-il centezmu (€1083.16), rapprezentanti prezz ta' solar water heater li qatt ma hadem kif suppost, flimkien ma' talba ghad-danni morali fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00).

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Xtrat solar water heater minghand is-socjeta' ntimata fl-4 ta' Dicembru 2007. Wara sitt (6) xhur biss kien beda jqattar l-ilma. Is-socjeta' ntimata kienet baghtet technician kemm-il darba. Sena ilu s-socjeta' ntimata qaltilha li l-imsemmi solar water heater ser jinbidel, pero' baqa' qatt ma nbidel. Saret hafna hsara fuq il-bejt u hafna hela ta' ilma u dawl tul dawn is-snin.

Ir-rikorrenti hasset ruhha aggravata b'dan kollu u ghalhekk qed titlob rifuzjoni tal-flus li hallset ghall-imsemmi solar water heater, flimkien ma' danni morali fl-ammont ta' hames mitt Ewro (€500.00).

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, imsejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija kkonfermat il-verzona taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi s-socjeta' ntimata kienet fil-fatt installat solar water heater bhala replacement ghal dak li kien difettuz, pero' wara zmien qasir hafna dan irrizulta li kien difettuz ukoll. Ir-rikorrenti ghamlet kuntatt mas-socjeta' ntimata, pero' l-istess socjeta' qatt ma baghtet technician fuq il-post.

Ir-rikorrenti ezebiet l-ircevuta tal-garanzija, li giet immarkata bhala Dok.BM5, flimkien ma' ritratti ricenti tas-solar water heater wara li gie mibdul mis-socjeta' ntimata, li gew immarkati bhala Dok.BM1, Dok.BM2 u Dok.BM3.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, fuq nuqqas ta' provi qed jichad it-talba tar-rikorrenti ghad-danni morali, pero' qed jilqa' t-talba principali tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata taghti, tikkonsenja u tinstalla solar water heater gdid, bhal dak in ezami jew wiehed bl-istess specifikazzjonijiet, u fin-nuqqas li dan isehh, is-socjeta' ntimata qed tigi ordnata thallas lura lir-rikorrenti l-ammont ta' elf tlieta u tmenin Ewro u sittax-il centezmu (€1083.16), bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata..

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**